MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta ta' l-24 ta' April, 2014

Citazzjoni Numru. 458/2010

**Godwin Borg (ID 584558M) u martu**

**Margaret Therese Borg (ID 386160M)**

**vs**

**Victoria sive Vitorin Vella, Joseph Vella,**

**Margaret Vella, u Anne Cauchi.**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-5 ta' Mejju, 2010, li permezz tieghu, ir-rikorrenti sintetikament, ghar-ragunijiet hemm espresso, talbu li din il-qorti:

1.1 Tiddikjara li l-intimati m'ghandhom l-ebda dritt ta' passagg fuq il-proprjeta` hemm indikata;

1.2 Tiddikjara, jekk mehtieg li r-rikorrenti huma proprjetarji assoluti tal-istess;

1.3 Tikkundanna lill-intimati:

1.3.1. Jghalqu a spejjez taghhom l-aperturi u bibien li fethu fuq l-istess art;

1.3.2. Inehhu a spejjez taghhom il-*pipe* ta' l-ilma li jwassal sal-imsemmija strutturi u kull oggett iehor imholli minnhom fuq l-art *de quo*;

1.3.3. Illi fin-nuqqas li jottemporaw ruhhom fit-terminu hekk prefiss, tawtorizza lir-rikorrenti iwettqu l-imsemmija xogholijiet huma stess a spejjez tal-intimati, *occorrendo* bl-assistenza ta' periti nominandi;

1.3.4. Bl-ispejjez kontra l-intimati;

2.0 Rat ir-risposta mahlufa tal-intimati datata t-3 ta' Gunju, 2010, li permezz taghha wiegbet is-segwenti:

2.1 Illi ghandhom dritt reali fuq il-proprjeta` *de quo*;

2.2 Illi r-rikorrenti jridu jippruvaw li l-passagg in dizamina jolqot il-proprjeta` tal-istess rikorrenti;

2.3 Illi l-intimati jgawdu wkoll dritt ta' servitu` d'uzu biex jaccedu ghal kmamar li m'humiex fuq l-art ta' l-atturi;

2.4 Illi kemm il-kmamar u l-*pipe* in dizamina ilhom detenuti u gawduti mill-intimati anke minn qabel ma l-atturi akkwistaw il-proprjeta` taghhom;

2.5 Illi rigward il-*pipe*, jivvantaw servitu fuq l-uzu tieghu;

2.6 Illi r-rikorrenti jridu jippruvaw liema mill-aperturi qieghdin jirreferu ghalihom u li fi kwalunkwe kaz, ir-rikorrenti m'hu qed isofru l-ebda pregudizzju stante li l-art taghhom mhix fabbrikabbli;

2.7 Salv eccezzjonijiet ohra;

3. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat is-7 t'Ottubru, 2010, li permezz tieghu hatret perit tekniku ghar-ragunijiet hemm indikati, (ara fol 31);

4. Rat il-verbal datat l-20 ta' Jannar, 2011, li permezz tieghu jirrizulta li l-perit tekniku nominat ipprezenta *in atti* u halef fir-relazzjoni tiehu, (ara fol 33 *et sequitur*);

5. Rat id-digriet taghha datat id-29 ta' Novembru, 2011, li permezz tieghu, ghar-raguni hemm indikata, il-kawza giet differita *sine die*;

6. Rat ir-rikors tar-rikorrenti datat it-22 ta' Marzu, 2012, li permezz tieghu, wara li informa lill-qorti li kien ghad ghandu interess fil-procedura, talab li l-kawza tigi riappuntata, (ara fol 59);

7. Rat id-digriet taghha datat it-23 ta' Marzu, 2012, li permezz tieghu laqghet it-talba u irriappuntat il-kawza ghad-data hemm indikata, (ara fol 60);

8. Rat l-affidavitijiet prodotti, (ara fol 66 u fol 74);

9.0 Rat il-verbal tal-abbli rapprezentant legali tal-intimati datat is-27 ta' Novembru, 2013, li permezz tieghu ivverbalizza s-segwenti:

9.1 Illi l-intimati qed jirrinunzjaw ghal kwalunkwe dritt ta' passagg li seta' kellhom fuq l-art tar-rikorrenti;

9.2 Illi jirrinunzjaw ghal kwalunkwe dritt t'uzu li seta' kellhom mill-kmamar tal-annimali li jinsabu fl-istess art;

9.3 Illi qed jaghtu l-fakulta` lir-rikorrenti biex inehhu l-istess kmamar, inkluz il-pajpijiet ta' l-ilma li hemm fl-istess kmamar;

9.4 Illi l-istess intimate ghalqu wkoll it-twieqi fil-hajt divizorju li jiddividi l-hitan;

10 Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet limitatament fuq il-kap tal-ispejjez, u dan, *ai termini* tal-verbal datat is-27 ta' Novembru, 2013, (ara fol 88);

Ikkunsidrat:

11 Illi in vista tad-dikjarazzjoni unilaterali tal-intimati fuq indikata, (ara paragrafu disgha, (9.0.), aktar qabel), din il-vertenza giet issa limitata ghall-kap tal-ispejjez;

12.0 Illi fir-rigward l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet it-tnejn sostnew fit-trattazzjoni orali taghhom li stante li l-partijiet ittransigew il-vertenza l-ispejjez tal-procedura ghandhom jigu akkollati lill-parti l-ohra:

12.1 Bir-rikorrenti jsostnu dan ghaliex kien biss bl-agir tal-intimati fuq il-proprjeta` taghhom li huma kienu kostretti li jinvolvu ruhhom f'din il-procedura bl-ispejjez kollha konsegwenzjali ghall-istess;

12.2 Bl-intimati jsostnu li wara li kien gie redatt ir-rapport peritali, huma ittransigew il-vertenza mill-ewwel;

Ikkunsidrat:

13 Illi l-atti fuq analizzati ma jissufragawx l-allegazzjoni tal-intimati kif minnhom esposta fit-trattazzjoni orali finali fir-rigward kondotta mill-abbli rapprezentant legali taghhom;

14.0 Illi f'dan ir-rigward jirrizulta s-segwenti:

14.1 Illi r-relazzjoni peritali tirrizulta li kienet terminata u ipprezentata in atti fl-udjenza tal-20 ta' Jannar, 2011, (ara fol 33);

14.2 Illi fil-perjodu bejn Marzu 2011 u Novembru tal-istess sena, (ara fol 55 u 58), jidher li kien hemm xi tentattivi ta' transazzjoni bejn il-kontendenti;

14.3 Illi pero` minn Gunju, 2012, il'quddiem (ara fol 63), il-kawza kienet differita ghall-kontinwazzjoni u sussegwentement, kif jidher mill-verbal tat-13 ta' Novembru, 2012, anke ghall-provi tar-rikorrenti, (ara fol 65), bl-affidavidijiet taghhom sussegwentement prodotti, (ara fol 66 *et sequitur*), u ghall-provi tal-intimati, (ara fol 72), bl-affidavidijiet taghhom hemm ukoll prodotti, (ara fol 74 *et sequitur*);

14.4 Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li s-sitwazzjoni ma zviluppatx kif l-abbli rapprezentant legali tal-intimati ippostula izda l-kawza tkompliet sal-fazi fejn iz-zewg partijiet kontendenti kienu sodisfatti li ipprezentaw il-provi kollha li xtaqu jipprezentaw in atti;

14.5 Illi kien biss fl-udjenza tas-27 ta' Novembru, 2013, li pozizzjoni inbidlet radikalment u l-intimati irrinunzjaw ghall-kontestazzjoni fuq il-meritu tal-kawza kif indikat qabel, (ara paragrafu numru disgha, (9.0));

Ikkunsidrat:

15.0 Illi ghalhekk ezami akkurat tas-suespost iwassal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

15.1 Illi r-rikorrenti kienu pacifikament qed igawdu l-proprjeta` taghhom sakemm ma din giet indebitament invaza mill-intimati kif fuq indikat;

15.2 Illi in difiza tad-drittijiet taghhom ir-rikorrenti ma kellhom l-ebda alternattiva hlief li jaderixxu din il-qorti ghat-tutela tal-istess drittijiet li lilhom gew disturbati;

15.3 Illi l-procedura intavolata mir-rikorrenti giet regolarment dibattuta, anke bl-opra ta' perit nominat u bis-smiegh ta' xhieda permezz ta' affidavidijiet apprezentati miz-zewg gruppi ta' kontendenti;

15.4 Illi kien biss f'dan l-istadju tardiv tal-procedura li l-intimati ghazlu li jirrinunzjaw ghall-kontestazzjoni fil-mertu, u dan, abbundantement tlett (3) snin wara li r-rikorrenti kienu kostretti jintavolaw il-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

16. Illi nonostante l-fazi tardiva tar-ripensament fl-agir tal-intimati, din xorta hi azzjoni lodevoli li din il-qorti tikkondividi – ghalkemm hu ovvju li kieku kienet tempestiva kienet tkun ta' beneficcju aktar ghall-kontendenti;

17. Illi ghalhekk, nonostante t-tardivita` riskontrata, l-intervent tal-intimati biex jghinu fit-tishieh tal-principju tal-*buon vicinat,* dan xorta wahda ha jittiehed in konsiderazzjoni;

**DECIDE:**

18.0 Ghaldaqstant, filwaqt li qed tiddikjara li in vista tal-verbal datat is-27 ta' Novembru, 2013, din il-qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-meritu ta' din il-procedura, stante t-transazzjoni fuq riferita;

16.1 Tiddikjara li qieghda issa tinvesti biss il-kwistjoni tal-ispejjez naxxenti mill-istess procedura;

16.2 Illi in vista tas-suespost taqta' u tiddeciedi li l-ispejjez tal-istess procedura ghandhom ikunu f'porzjon ta' disgha minn kull ghaxra, (9/10), kontra l-intimati, u f'porzjon ta' wiehed minn kull ghaxra, (1/10), ikun kontra r-rikorrenti.

Onor. Imhallef Silvio Meli

DECIZJONI FINALI

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------